# Is-Sliem

April 2007 Nru. 211

Knisja Arċipretali
ta' San Filep
ta' Agira,
Ħaż-Żebbuġ

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
9, Triq il-Parroċċa,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 02

*Messaġġ ta' l-Arċipriet:*

## FOMM IT-TFAL ...
## FOMM L-ANĠLI!

Kemm hu minnu dan il-kliem! Titgħaxxaq jiġu ġenituri u jirrakkontawlek xi episodju żgħir li ġralhom fil-ħajja tagħhom fit-trobbija ta' uliedhom. Verament, it-tfal għandhom mod kif jesprimu ċerti affarijiet, u tabilħaqq iġegħluk tesklama u tgħid: "Fomm it-tfal... fomm l-anġli!"

Darba, ġie missier fuqi u wera x-xewqa li jagħmel qrara tajba. Qabel ma beda l-qrara, infaqa' jibki. Qalli: "Ili s-snin ma nqerr u nitqarben. Ma kontx qed ngħix xi ħajja ħażina, tafx; iżda kont ittraskurajt, ...sakemmm, dalgħodu, waqt li n-nies kienu telgħin jitqarbnu, it-tifla tiegħi ta' 7 snin daret fuqi, u qaltli: 'Pà, għaliex int qatt ma titqarben?!...' Nistqarr miegħek", kompla jirrakkonta, "li fixklitni, dak il-ħin, u ħassejt għoqla fi griżmejja u ma stajtx inweġibha! Baqgħet tħares lejja, tbissmet, u qaltli li kienet sejra titqarben! Dik il-kelma tat-tifla, *father*, ġabitni hawn..."

...Darba, tifla żgħira daħlet fis-salott u fuq it-televiżjoni kien hemm xena ta' tnejn maħbubin ibusu lil xulxin. Din iċ-ċkejkna daret fuq ommha u staqsietha x'qegħdin jagħmlu. L-omm, b'daqsxejn mistħija fuqha, daret fuq bintha u weġbitha: "Dawk qed iħobbu lil xulxin." Iċ-ċkejkna daret fuq ommha, u qaltilha: "Inti, tħobbu lill-papà?"

Li kieku kellna mqar ftit paċenzja nisimgħu kliem uliedna ċkejknin – kliem spontanju, innoċenti u sinċier! –, kemm verament jimpressjonawna u jgħallmuna u jibdluna għall-aħjar, b'dak li joħorġu bih!

Agħmel sforz ċkejken, u ara ċ-ċkejknin tagħna x'qegħdin jgħidulna meta joħorġu b'xi waħda minn tagħhom!!
Il-Mulej Iberikkom!

*Fr. Daniel Cardona,*
Arċipriet.



**"A Calling" (Sejħa/ Vokazzjoni) – pittura famuża tal-pittur akkademiku franċiż, Adolphe William Bouguereau (1825 – 1905). ....Tgħid, it-tfal (l-anġli) ċkejknin tagħna, minbarra sejħiet oħrajn, għandhom ukoll il-vokazzjoni li jnebbħuna bil-kliem spontanju u innoċenti tagħhom!"!?...**

## ULIED IL-PARROĊĊA ...

IX-XAHAR LI GĦADDA (MARZU), fakkarna li, fis-17 ta' Marzu ta' l-1924, kien miet il-MISSJUNARJU, iż-żebbuġi **ANDREA AZZOPARDI** (imwieled fid-9/02/1870).

Sar patri franġiskan (O.F.M.) fl-I895. Iddistingwa ruħu għaż-żelu tiegħu b'riżq l-emigranti maltin fl-Eġittu, fejn ħadem bejn l-1895 u l-1909. Mill-1914, ħadem f'California, fejn waqqaf l-ewwel knisja maltija fl-Amerka ta' Fuq: il-parroċċa etnika Maltija *"St. Paul of the Shipwreck"*. Hemmhekk, għen ħafna lill-membri tal-kommunità Maltija, li kellhom livell baxx ta' edukazzjoni. Lura f'Malta, fl-1920, **Patri Andrea Azzopardi** ħadem qatigħ favur l-edukazzjoni primarja obbligatorja; huwa meqjus bħala PIJUNIER f'dan il-qasam. Iż-żebbuġi **Patri Andrea Azzopardi O.F.M.**, kiteb ħafna favur it-tagħlim lill-poplu tagħna! ▮

# IT-TFULIJA

**minn Luckie Abela**

**Meta kont għadni ngħallem, lit-tfal tal-klassi tiegħi kont ngħidilhom li s-sena ta' wara, meta jkunu** *Form 1*, jibdew jissejħu studenti u minn hemm tibda t-triq taż-żgħożija. Mela t-tfulija hijaż-żmien sabiħ li t-tfal iqattgħu fil-klassijiet tal-Primarja, jiġifieri l-perijodu, minn meta jibdew jitħalltu mat-tfal l-oħrajn fil-*kinder* sa l-aħħar klassi qabel l-eżami tal-*Junior Lyceum* u xi ftit snin oħrajn ukoll.

Ikolli ngħid li t-tfulija ta' dawn iż-żminijiet hija differenti ħafna minn dik ta' żmienna. Billi l-familji ta' 40 jew 50 sena ilu kienu familji b'ħafna tfal, meta konna mmorru xi ġurnata l-baħar maz-zijiet, aħna l-kuġini konna nkunu tant f'numru kbir, li konna nkunu qisna klassi sħiħa. Immaġinaw biss li konna nkunu bejn 6 u 8 minn kull familja! Għalhekk, aktar ma konna nkunu, aktar konna nieħdu pjaċir, għax dejjem kien ikollna xi ħadd mill-kuġini ta' mparna.

Niftakar b'nostalġija dawk iż-żminijiet. Kienet tfulija sabiħa għall-aħħar! Imdawrin bin-nanniet, zijiet u kuġini. Problemi, dawk iż-żminijiet, ma tantx konna nafu bihom. Il-ġurnata kienet tkun imqassma tajjeb, bejn il-quddiesa filgħodu, imbagħad l-iskola, filgħaxija d-duttrina jew il-Mużew u l-ħin għal-logħob. Norqdu kmieni u nqumu kmieni.




It-tfulija ta' dawn iż-żminijiet hija differenti mit-tfulija tiegħi. It-tfal tal-lum, spejalment dawk fl-aħħar klassijiet tal-Primarja, għandhom ħafna aktar attivitajiet fiex iqassmu l-ġurnata tagħhom. Fuq kollox, hemm l-eżamijiet li żiedu l-*istress*. Mhux għax fi żmienna ma kienx hemm eżamijiet, iżda llum saru jingħataw ħafna aktar importanza. Mix-xogħol tiegħi bħala għalliema, kont ninduna li dan l-*istress* jibda mill-ġenituri stess u li ħafna drabi jkunu **huma** li jgħadduh fuq uliedhom! Tisma' xi ġenituri jitkellmu, taħseb li **huma** qegħdin jagħmlu l-eżamijiet! "Kemm marli tajjeb, it-tifel"; jew, inkella: "It-tifla, ma tistax teħodli r-ruħ fil-*Maths*!"..., huma frażijiet li tisma' 'l-ommijiet jistqarru meta jkunu jitkellmu fuq uliedhom. Bħallikieku t-tifel jew it-tifla, jekk jgħaddu jew ma jgħaddux mill-eżami, se jkun għall-ġenituri tagħhom stess! Jien dejjem sħaqt mat-tfal tal-klassijiet tiegħi li, jgħaddu jew ma jgħaddux, imorrux tajjeb jew le, ir-riżultat ikun **għalihom** u mhux għall-ġenituri tagħhom! Naturalment, kont nagħmel minn kollox biex il-ġurnata ta' l-iskola nqassamha b'tali mod li kien ikollhom ċans għal ħafna attivitajiet, li kienu jinkludu logħob ukoll. Għax, x'inhi t-tfulija mingħajr ħin adegwat għal-logħob?!...

Il-ħin tar-rikrejazzjoni daż-żmien qiegħed jinqasam f'diversi attivitajiet: drama, *gym*, lezzjonijiet taż-żfin jew tal-mużika, logħob tal-*football*, u oħrajn. Dawn iridu jsibu post fit-*time-table* tal-ġurnata, naturalment wara l-*homeowrk* u l-istudju. Kultant issib min jgħidlek li llum it-tfal qegħdin ikollhom ħafna *homework* u ma għandhomx ħin liberu. Din, x'aktarx li hemm ħafna verità fiha!! Ma rridx ninsa l-ħafna messaġġi *SMS's* li jgħaddu minn fuq il-*mobile phone*, li jaħlulhom ħafna ħin. Inżidu wkoll il-fenomenu ta' l-użu tal-kompjuter. Tant issib tagħrif, logħob u riċerka fuqu, li qatt m'hemm ħin biżżejjed għal dak kollu li tista' tiskopri permezz tiegħu.

Din hija t-tfulija ta' daż-żmien. Jien kultant nitħassarhom lit-tfal tagħna li ma jsibux ħin biżżejjed għal *hobbies*. Ma rridx ninsa nżid it-televiżjoni. Sa ftit snin ilu, it-TV kienu jieħu ħafna mill-ħin tat-tfal. Issa għandna l-kompjuter bl-internet, bil-meravilji tiegħu. Lili jgħaġġbuni t-tfal narahom għaddejjin, minn *channel* għal ieħor, minn *game* għal oħra! Dejjem jiskopru u dejjem hemm x'jitgħallmu! Parir żgħir: Il-ġenituri għandhom joqogħdu attenti x'tip ta' programmi jieħdu sehem fihom, fuq il-kompjuter, għax mhux kollha huma adatti għalihom.

<u>Kelma ta' qabel l-aħħar</u>: Fil-bidu ta' *Year 6*, it-tfal jagħmlu l-Griżma ta' l-Isqof. Naf li l-ġurnata fiha tant sigħat biss, imma ppruvaw taqtgħux il-lezzjonijiet tad-Duttrina wara l-festa tal-Griżma. Il-lezzjonijiet u l-ħin sabiħ li t-tfal iqattgħu f'dawn il-postijiet tajbin, jagħmlu parti wkoll mit-tfulija tagħhom!

<u>U... l-kelma ta' l-aħħar</u>: Ftit ilu, kont qiegħda nistenna ħabiba tiegħi u waqaf ġuvni jkellimni. Meta beda jitkellem, għaraftu. Qalli li, ftit ġimgħat qabel, iltaqgħu grupp ġuvintur li kienu kollha fil-klassi tiegħi ta' l-istess sena, u tgħidx kemm ħadu gost jirrakkuntaw fuq meta kienu *Year 6*, għax dawn, wara, kollha marru skejjel differenti, imma mbagħad reġgħu ngħaqdu, jew l-Università jew f'xi istituzzjoni terzjarja oħra. Jien issummajt xi ftit, imma tellagħni l-ġenna x'ħin qalli li għadhom jiftakru l-*Year 6* bħala sena tal-ġenn!!.

# KOMPETIZZJONI GĦAT-TFAL LI SE JAGĦMLU L-GRIŻMA TA' L-ISQOF

Il-Kummissjoni Parrokkjali "Relazzjonijiet Pubbliċi u *Media*" qiegħda torganizza, għat-tieni sena, kompetizzjoni ta' **Kitba ta' KOMPONIMENTI (*COMPOSITIONS*)**, għat-tfal kollha (bniet u subien) żebbuġin li se jagħmlu l-Griżma ta' l-Isqof f'Ottubru li ġej (2007).

**Ir-Regolamenti Huma Dawn:**

1) Is-SUĠĠETT tal-komponiment (*composition*): "IL-PATRUN TAGĦNA SAN FILEP".
2) It-TUL tal-komponiment (*composition*): mhux aktar minn 150 kelma.
3) Il-kitba trid tkun verament tat-tfal infushom, jiġifieri li kitbuha huma stess, u mhux xi ħaddieħor; **u jistgħu jieħdu sehem BISS it-tfal li joqogħdu Ħaż-Żebbuġ, u li se jagħmlu l-Griżma ta' l-Isqof f'Ottubru li ġej.**
4) Mal-kitba (i.e. mal-*composition*) irid jitniżżel l-isem u l-indirizz tat-tifel jew tifla; u wkoll numru tat-telefon tal-familja tagħhom.
5) Il-*compositions* iridu jaslu għand l-Arċipriet Fr. Daniel, billi jew jingħatawlu personalment, jew billi jaslu bil-posta jew *by hand* fl-Uffiċċju Parrokkjali, jew billi t-tfal jagħtuhom lill-għalliema tagħhom tad-Duttrina (Museum, Azzjoni Kattolika, Katekisti, eċċ...), SA MHUX AKTAR TARD MINN NHAR IL-ĦADD, IT-22 TA' APRIL.
6) Il-Kummissjoni "Relazzjonijiet Pubbliċi u *Media*" tiddeċiedi liema huma l-aħjar *compositions*, u d-deċiżjoni tagħha tkun finali.

**N.B.: ŻEWĠ KOMPONIMENTI (*COMPOSITIONS*) LI JĠIBU L-OGĦLA MARKI (WIEĦED MINN TAL-BNIET, U IEĦOR MINN TAS-SUBIEN), SE JKUNU STAMPATI FIL-ĦARĠA SPEĊJALI TAL-FESTA TAL-FULJETT PARROKKJALI "IS-SLIEM" (ĠUNJU 2007)**

Womenswear, Childrenswear & Accessories
Visit
Nina's
Triq Tal- Hlas
Zebbug
Tel:21 46 33 48 / Mob:99 44 77 12

***GRAZZI lil dawk kollha li jirreklamaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom f'dal-Fuljett Parrokkjali!***

***N.B.:*** Xtaqna niddedikaw din il-poeżija, kitba tal-Poeta Nazzjonali, iż-żebbuġi Dun Karm Psaila, mhux biss lill-istaġun tar-Rebbiegħa nnifsu, imma wkoll liż-Żebbuġin kolha li qegħdin fi żmien it-TFULIJA – IR-REBBIEGĦA ta' ħajjithom!



## Ir-Rebbiegħa

Merħba bik, ħuttafa ċkejkna
max-xemx ħelwa tar-rebbiegħa!
Kollox jarġa' jieħu l-ħajja
malli tarġa' din is-siegħa.

Ġewwa l-ġonna s-siġra tiżhar,
hemm idur bl-eluf in-naħal;
il-ward kollu jiftaħ sidru,
fl-isbaħ dawl ifuħ ir-raħal.

Ir-rebbiegħa! Dalwaqt Mejju
bl-isem tiegħek, o Marija;
dalwaqt tibda s-silla tħammar,
ġieħ u riżq ta' l-art Maltija.

Imbagħad jibda ż-żara' jmewweġ.
Tibda l-għanja fuq il-qiegħa ...
Fik is-saħħa, fik il-barka,
xemx sabiħa tar-rebbiegħa!

**DUN KARM**

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE



# *Fil-Parroċċa Tagħna...*

## *Irċevew is-Sagrament tal-MAGĦMUDIJA*

**Diċembru 2006:** Kira Barbara; Wayne Azzopardi; Mariah Cauchi; Zhen Pawney; Emmanuel Agius; Maia Zammit; Mariah Grech; Julian Agius; Kelsey Agius; Marija Farrugia; u Gianni Farrugia.

**Jannar 2007:** Zdaneà Grech; Brendan Borg; Miguel Attard; Mattea Gatt; Isaac Agius; Celaine Scicluna; Andreas Micallef; Miguel Borg; Amalia Bezzina; Gabrielle Amber Farrugia; Mariah Mifsud; Julian Baldacchino; u Miguel Bugeja.

**Frar 2007:** Katrina Bartolo; Casey Nicole Goodwin; Steve-Philip Balzan; Jade Mangion; u Gianluca Cremona.

***Nilqgħuhom fil-komunità tagħna!***



## *Għaddew għall-ĦAJJA TA' DEJJEM*

**Diċembru 2006:** Carmela Borg; Disma Cini; Charles Sawyer; Dennis Hicklin; George Aber; Lawrence Tanti; Victoria Buhagiar; Carmela Mallia; Lucia Camilleri; Ġużeppi D'Anastasi; u Ludgarda Grech.

**Jannar 2007:** George Cassar; Loreto Borg; Emanuel Chircop; u Pio Aquilina.

**Frar 2007:** Rita Chircop; Joseph Saliba; Nazzarena Psaila; Antonia Grima; Gemma Caruana; John Cachia; Joseph Portelli; Carmel Cortis; u M'Lourdes Bonnici.

***Agħtihom, O Mulej, il-Hena ta' Dejjem!***

**TWANNY SPITERI**
**u**
**WENZU PSAILA**

**Funeral Service**

***24 Hour Service***

4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.

Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168

**For Your Total Media Package, you need...**

TOTAL Mobile

Ħanut ĠDID fi Triq l-Imdina,
Ħaż-Żebbuġ.
**Tel.: 21466990; Mob.: 9945 3560**

From Phones to Plasmas & PC's,
ALL AT FANTASTIC PRICES!!

Over 90 New Models
of Original Phones
**With BEST PRICES**
**On the Island!!**

**FUNERAL SERVICE**

**JOHN SPITERI**
*(TA' L-ANTENNA)*

*155,*
*TRIQ L-ISQOF CARUANA,*
*ĦAŻ-ZEBBUG*

*(BISWIT IL-KUNSILL LOKALI)*

*TEL: 2146 4286*
*(matul il-jum)*

*MOB: 7946 4286*
*(24 siegħa)*

ROBERT GAUCI
Insurance Intermediary

MIDDLESEA INSURANCE P.L.C

MIDDLESEA VALLETTA
LIFE ASSURANCE CO. LTD.

VJAL IL-HELSIEN, ĦAŻ-ŻEBBUĠ
TEL: 2146 1664 9947 8757

rg@maltanet.net www.maltainsure.com

MOTOR. HOME. HEALTH. TRAVEL.
COMMERCIAL RELATED INSURANCES

PROTECTING YOUR FAMILY FINANCIALLY
MSV LIFE ASSURANCE
MSV RETIREMENT PLANNING
MSV BABY BOND
MSV CHILD POLICY
MSV SINGLE PREMIUM PLAN

**Monday, Wednesday & Friday.** 9.00 till 12.00am & 4.00 till 6.30pm
**Tuesday & Thursday.** (Morning Closed) 3.00 till 7.00pm
**Saturday.** 9.00 till 12.00am

Robert Gauci is authorised to carry on insurance sub-agency activities for and on behalf of Middlesea Insurance p.l.c. and Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd., and the sub-agent and the companies are all regulated by the Malta Financial Services Authority.